**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 198/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Malone Debono**
**(ID 373088(M))**

**Illum, 14 ta' Lulju 2020**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Malone Debono**, iben Carmel u Veronica nee` Grech, imwieled il-Pieta` nhar it-12 ta' Awwissu 1988, residenti Flat 2, Triq Mahatma Gandhi, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Blk C4, Fgura, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 373088(M);

Akkużat talli nhar it-12 ta' April 2016, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30a.m.) ġewwa Millennium Strategi Nail Studio, Triq Salvu Psaila, Birkirkara:

a) Ikkommetta serq bi sgass ta' diversi prodotti u aċċessorji mill-imsemmi ħanut, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur;

b) Volontarjament ikkommetta ħsara fl-imsemmi ħanut;

c) U aktar talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr. E. Grima LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikoli 370(4) tal-Kodiċi Kriminali, sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, kif ukoll illi huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u semgħet it-trattazzjoni tad-difiża dwar il-piena li għandha tiġi nflitta.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis fl-ewwel lok l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proċeduri, għalkemm irid jingħad ukoll illi mill-atti jirriżulta illi l-istess imputat inqabad *in flagrante delicto* mill-pulizija ġewwa l-ħanut li fih huwa kkommetta r-reati odjerni.

Qed tqis ukoll il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sat-28 ta' Frar 2018, mil-liema jirriżulta illi l-imputat instab ħati ta' frodi b'egħmil qarrieqi, falsifikazzjoni, serq aggravat f'iżjed minn okkażjoni waħda u serq sempliċi, ħsara volontarja, sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan u mingħajr kopertura ta' polza ta' assikurazzjoni, tlajjar jew tħajjir għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali u ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Dwar dawn l-imputat tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation*, ingħata sentenza ta' priġunerija sospiża, ingħata darbtejn liberazzjoni kundizzjonata, u f'okkażjoni waħda anke liberazzjoni mingħajr kundizzjoni, kif ukoll piena pekunjarja. Jirriżulta wkoll mill-istess fedina penali illi wara l-każ odjern, nhar il-11 ta' Jannar 2018, l-imputat instab ħati ta' serq sempliċi kommess minnu f'Marzu 2017.

Qed tqis ukoll il-kontenut tal-*Pre-Sentencing Report* redatt fil-konfront tal-imputat mill-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud[1], kif ukoll ix-xhieda tal-istess

[1] Ara a fol. 41 *et seq* tal-proċess.

Uffiċjal f'dawn il-proċeduri[2] u l-kontenuti tad-diversi rapporti esebiti minnha[3] wara li l-Qorti, fuq rakkomandazzjoni tal-istess Uffiċjal tal-*Probation*, qegħdet lill-imputat taħt Ordni Temporanja ta' Superviżjoni b'digriet tagħha tat-23 ta' Mejju 2016. Jirriżulta mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* u mir-rapporti msemmija illi l-istess Uffiċjal tal-*Probation* iffissat diversi appuntamenti mal-imputat sabiex issegwi l-andament tiegħu. Madanakollu, apparti illi l-imputat naqas milli jattendi għal numru ta' appuntamenti, il-preokkupazzjoni tal-Uffiċjal tal-*Probation* kienet dejjem fil-mori tal-proċeduri odjerni, illi fil-waqt illi fis-sessjonijiet li kien ikollha mal-imputat, huwa kien jipprova jagħti l-impressjoni li kollox kien sejjer sew, f'tentattiv li juri li kien miexi fit-triq it-tajba, fil-verita` s-sitwazzjoni tiegħu kienet ferm differenti. Minkejja li l-imputat baqa' konsistentement jinnega li huwa jabbuża mid-droga, u dan anke meta f'xi okkażjonijiet ġie konfrontat b'riżultati pożittivi għad-droga wara li kien jagħti kampjuni tal-urina ġewwa d-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole*, skont il-familjari tiegħu, li ta' spiss kienu jagħmlu kuntatt mal-Uffiċjal tal-*Probation*, huwa kien jabbuża mid-droga sintetika. Għalkemm dan ma setax jiġi kkonfermat mill-Uffiċjal tal-*Probation* permezz ta' testijiet appożiti, u għalkemm fil-maġġor parti tagħhom it-testijiet tal-kampjuni tal-urina tal-imputat kienu jirriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti, biss hija setgħet tara li l-qagħda tal-imputat ma kinitx waħda tajba. Dan apparti wkoll illi f'Lulju 2017, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* ġiet mgħarrfa mis-*social worker* Rita Cortis, li taħdem fi ħdan iċ-Ċentru tad-*Detox*, illi l-imputat kien attenda hemmhekk għal appuntament mal-familjari tiegħu, wara li dawn spjegaw illi huwa kellu problema akuta tad-droga sintetika. Huwa ġie invistat mit-tabib Dr. George Grech, li anke tah xi mediċinali u rreferih għall-*Cocaine Clinic* sabiex jingħata l-għajnuna, iżda sussegwentement l-istess imputat baqa' ma attendiex. L-imputat ġie riferut ukoll lill-Aġenzija Sedqa, iżda l-każ tiegħu ngħalaq fid-19 ta' Frar 2018, stante illi qatt ma attenda għall-appuntamenti fi ħdan l-istess Aġenzija. Wara li kemm il-darba omm l-imputat ikkomunikat mal-Uffiċjal tal-*Probation* sabiex tgħarrafha li l-imputat kien qiegħed ikun aggressiv u li saħansitra kien qieged jisraq lill-familjari stess u jonfoq kollox fuq id-droga, hija għamlet żjara ġewwa r-residenza tal-imputat flimkien mas-*Senior Probation Officer*, Ivan Sultana, f'Mejju 2018, fejn ġie spjegat lilhom illi l-kmamar tar-residenza kienu qed jissakkru bil-katnazzi minħabba l-biża' ta' serq da parti tal-imputat. Skont l-istess Uffiċjal tal-*Probation,* f'din l-okkażjoni, meta hija daħlet fil-kamra li kienet qegħda tintuża mill-imputat, din kellha riħa qawwija ta' urina. In oltre skont l-istess Uffiċjal tal-*Probation*, f'sessjoni li kellha mal-imputat u ommu fil-31 ta' Jannar 2019, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* innutat illi l-imputat kien qiegħed f'qagħda ħażina.

[2] A fol. 37 sa 40, a fol. 89 sa 92, a fol. 127 sa 132, a fol. 149 sa 155 tal-proċess.

[3] A fol. 98 u 99, a fol. 103 sa 106, a fol. 108 sa 110, a fol. 112 u 113, a fol. 121 sa 124, a fol. 144, a fol. 166 u a fol. 170 tal-proċess.

Illi rinfaċċjat b'dan kollu, l-imputat dejjem innega mal-Uffiċjal tal-*Probation* illi huwa kellu xi diffikultajiet, iżda minflok kien jirrimarka illi l-istess Uffiċjal kif ukoll dawk li mingħandhom kienet qegħda tottjeni l-informazzjoni dwaru, kienu qegħdin jigdbu fil-konfront tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi, l-Uffiċjal tal-*Probation* sostniet kemm il-darba illi hija ma setgħetx tkun ta għajnuna għall-imputat, la darba huwa stess ma kienx jikkopera u ma kienx jammetti li kellu bżonn l-għajnuna.

Illi fl-aħħar rapport tagħha tas-26 ta' Ġunju 2019, l-Uffiċjal tal-*Probation* infurmat lill-Qorti illi minn seba' testijiet tal-kampjuni tal-urina li ttieħdu lill-imputat, wieħed irriżulta pożittiv għad-droga kokaina, iżda l-imputat xorta waħda baqa' jinnega l-użu ta' din is-sustanza. Madankollu, fil-waqt illi skont l-Uffiċjal tal-*Probation*, fl-aspett tad-droga hemm bżonn li l-imputat ikun iżjed onest, mill-banda l-oħra huwa laħaq konsistenza in kwantu l-appuntamenti mal-istess Uffiċjal tal-*Probation* u in oltre wara li beda u temm kors fi ħdan l-MCAST dwar *Basic Hairdressing*, huwa beda t-tieni kors li wkoll jinvolvi x-xagħar. In oltre mill-istess rapport jirriżulta wkoll illi skont l-imputat u ommu, huwa kien qed jaħdem ma' *hairdresser* f'impjieg mhux regolarizzat u skont l-omm, binha kien tajjeb u stabbli.

Illi jidher għalhekk illi għalkemm l-imputat dam żmien pjuttost twil sabiex juri xi forma tal-progress matul is-superviżjoni tiegħu, l-aħħar rapport kien wieħed pjuttost pożittiv u għalkemm għad hemm il-bżonn li l-imputat jaħdem fuq l-aspett tad-droga u jirrikonoxxi li għandu bżonn l-għajnuna anke f'dan ir-rigward, ċertament huwa wera iżjed motivazzjoni kemm in kwantu żamm l-appuntamenti mal-Uffiċjal tal-*Probation,* kif ukoll in kwantu l-progress fir-relazzjoni tiegħu mal-familjari u anke in kwantu qiegħed jipprova jtejjeb il-posizzjoni tiegħu billi jitħarreġ f'korsijiet fi ħdan l-MCAST.

Illi l-Qorti qed tqis ukoll il-ħlas li għamel l-imputat lill-*parte civile* fil-mori ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll illi r-*res furtiva* ġiet ukoll ritornata. Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u tal-kunsiderazzjonijiet tagħha iżjed 'il fuq, fil-waqt illi tqis ukoll in-natura serja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti jidhrilha illi piena ta' priġunerija sospiża hija piena idonea, b'dan ukoll illi l-Qorti tqis illi l-imputat għandu jibqa' jiġi segwit minn Uffiċjal Sorveljanti sabiex jiġi assikurat illi huwa jkompli miexi 'l quddiem u jindirizza wkoll il-problema tal-użu tad-droga.

Tqis ukoll għal fini ta' piena, illi fil-mori tal-proċeduri, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-valur tal-oġġetti misruqa ma jeċċedix is-somma ta' elfejn, tliet mija, disgħa u għoxrin ewro, sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37). Tqis in oltre illi minkejja li l-Prosekuzzjoni ddikjarat ukoll illi l-valur tal-ħsara kkaġunata ma kienx jiskorri

s-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), jirriżulta mill-provi prodotti illi l-valur ta' dawn il-ħsarat kien fil-fatt jeċċedi dan l-ammont.[4]

Illi in kwantu l-addebitu tar-reċidiva, il-Qorti tqis illi minkejja l-ammissjoni tal-imputat anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, is-sentenza li għaliha tirreferi l-istess imputazzjoni baqgħet ma ġietx esebita mill-Prosekuzzjoni u għaldaqstant, l-imputat qed jitqies reċidiv biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi in oltre il-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tar-reati kkontemplati fl-ewwel u fit-tieni imputazzjonijiet u dan stante illi r-reat fit-tieni imputazzjoni serva bħala mezz għal fini għar-reat fl-ewwel imputazzjoni, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 40(b)(ii) tal-istess Kapitolu 9, in kwantu l-imputat huwa trux u mutu.

## Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(h), 20, 31, 40(b)(ii), 49, 261(b), 261(ċ), 261(f), 263, 267, 270, 278(1), 278(3), 279(a), 280(2) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat Malone Debono ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' ħmistax-il (15) xahar priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tiġi sospiża għal żmien tliet (3) snin mil-lum.

In oltre ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Superviżjoni, bil-kundizzjonijiet indikati fl-istess Ordni hawn anness, liema Ordni għandu jibqa' fis-seħħ għal żmien tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ċar u sempliċi, il-konsegwenzi legali kemm il-darba huwa jikkommetti reat punibbli bi priġunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża, kif ukoll l-effetti kollha tal-Ordni ta' Superviżjoni.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* sabiex jinħatar Uffiċjal Sorveljanti li jissorvelja lill-ħati.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[4] Ara x-xhieda ta' Lara Zammit, a fol. 93 *et seq* tal-proċess.